**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliot Magro)**

**vs**

**Abdiaziz Anis Abdulahi**

**Kumpilazzjoni 394/2016**

**Illum 1 ta' Marzu 2017**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Abdiaziz Anis Abdulahi** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 9000655(A) billi huwa akkuzat talli:

1. Nhar it-13 ta' Lulju 2016, ghal habta tas-7:00 ta' filghaxija , minghir il-hsieb li toqtoljew li tqieghad il-hajja ta'haddiehor f'periklu car, hebbejt ghal Abdi Gure Yusuf, u/jew persuna/i ohra, u kkagunajtlu griehi ta'natura gravi, skond ma iccertifika Dr. JC Abela MD tal-klinika tal-Furjana, u dan bi ksur ta'l artikoli 214 u 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, b'xi mod ksirt il-bon ordni u l-paci pubblika, dan bi ksur ta' l-artikolu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ksirt il-provvedimenti ta'l-artikolu 7 tal-kapitolu 446 tal-Ligijeit ta' Malta b'sentenza moghtija mill Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. C. Stafrace Zammit LL.D, nhar is-26 ta'Lulju 2015, liema sentenza definittiva u ma tistax tinbidel.

4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, nqast milli thares wahda jew aktar mill-kundizzjonijiet li gew imposti fuqek mill-Qorti ta' Malta, mil-Magistrat Dr. J. Demicoli LL.D fid-digriet taghha datat 12 ta' Frar 2016, u dan bi ksur tal-artikolu 579 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmija reati, tirrevoka 'contrario imperio'd-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna r-rearrest ta' l-imsemmi Abdiaziz Anis Abdulahi. Kif ukoll tordna li s-somma ta' 10,000 Ewro bhala garanzija personali favur il-Gvern ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-Ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurtata' din il-persuna/i hawn fuq indikata.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta'protezzjoni ai termini tatal-artikolu 412 (C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' Abdi Gure Yusuf, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma kull piena li l-Qorti jidriha xierqa.

Il-Qorti giet gentilmet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikundanna lil akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal- hatra ta' esperti jew periti fil proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 17 ta' Jannar, 2017 (esebita a fol. 55 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista'

tinstab htija (jew htijiet) fil-konfronti tal-imputat taht dak li hemm mahsub:

- Fl-Artikoli 17 u 31 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 214 u 218 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 7 tal-Att Dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 579 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 383, 384, 385 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 412(C) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta;

*XHIEDA*

F'dan il-process xehdu hames (5) xhieda kif gej:

Spettur Robert Said Sarreo (*a fol* 16 et. seq.); Jurgen Abela (*a fol* 36 et. seq.); Abdi Gure Yusuf (*a fol* 38 et. seq.); PS 11 Daniel Zammit (*a fol* 43 et. seq.); PC 34 George Scicluna (*a fol* 45 et. seq.);

**Decide**

Li wara li rat l-Artikoli 214, 218, 338(dd) u 579 tal-Kodici Kriminali ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet (3) akkuza u minnha tilleberah, ssib lil **Abdiaziz Anis Abdulahi** hati fuq l-akkuzi numru 1, 2 u 4.

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-ferita kienet wahda hafifa kif ukoll il-mahfra tal-Parte Civile

Il-Qorti thoss li m'ghandiex tilqa' talba ghall-konfiska tal-garanzija.

Għaldaqstant il-Qorti qegħda tikkundanna lil Abdiaziz Anis Abdulahi għall-piena ta' seba (7) xhur priġunerija.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**